




# L-Akkwakultura: 2022

NR205/2023 Release Date: 16 ta' Novembru 2023

*Fl-2022, il-produzzjoni tal-ħut kollu mrobbi mill-industrija tal-akkwakultura u tat-trobbija tat-tonn ammontat għal €319.4-il miljun; żieda ta' 40.7 fil-mija fuq dak irreġistrat fl-2021.*



Iċ-ċensiment li jsir kull sena fost l-entitajiet li joperaw fl-industrija lokali tal-akkwakultura u tat-trobbija tat-tonn wera li, matul l-2022, il-produzzjoni kollha ġġenerata minn din l-attività ekonomika kibret bi €92.4 miljun, jew 40.7 fil-mija, fuq dik irreġistrata fl-2021 biex laħqet iċ-ċifra ta' €319.4 miljun. Barra minn hekk, il-konsum intermedju tal-industrija, li jirrappreżenta l-ispejjeż operattivi ewlenin li għamlu l-istess operaturi, tela' b'€91.1 miljun, jew 61.8 fil-mija, fuq dak irreġistrat sena qabel għal total ta' €238.4 miljun. Dan wassal biex il-valur miżjud gross tal-industrija żdied marġinalment b'1.7 fil-mija għal €81.0 miljun.

Id-deprezzament tal-assi tal-industrija naqas b'€0.2 miljun jew 4.8 fil-mija għal total ta' €4.9 miljuni; filwaqt li n-nefqa sħiħa fuq il-pagi u s-salarji tal-impjegati tagħhom żdiedet b'€1.0 miljun, jew 9.9 fil-mija, sabiex laħqet il-€11.7-il miljun. Meta tnaqqsu l-ispejjeż mid-dħul tagħha, l-industrija nstabet li kisbet qligħ operattiv nett ta' €64.4 miljun (Tabella nru 1, Ċarts nri 1 u 2).

## Ċart nru 1. Il-produzzjoni u l-konsum intermedju tal-industrija tal-akkwakultura

€ miljun




Nota: Id-differenza bejn il-linji turi l-valur miżjud gross.

## Ċart nru 2. It-Taqsim perċentwali ta' produzzjoni tal-akkwakultura magħżula




Nota: Minħabba t-totali li jvarjaw, it-tibdil fl-istokks huma esklużi mill-produzzjoni aggregata.

It-total ta' piż tal-ħut imrobbi żdied b'1.6 miljun kilogramma jew 10.0 fil-mija fuq dak milħuq fl-2021. Din iż-żieda kienet riżultat taż-żieda ta' 2.3 miljun kilogramma fil-volum ta' tonn imrobbi li pattiet għal kollox għat-tnaqqis ta' 0.6 miljun kilogramma ta' speċi ta' ħut imrobbi f'ċiklu magħluq. Għaldaqstant, meta mqabbel mas-sena ta' qabel, il-valur totali tal-bejgħ tal-ħut imrobbi tela' b'€110.2 miljuni jew 52.4 fil-mija għal ċifra ta' €320.4 miljun (Tabella nru 2, Ċart nru 3).

## Ċart nru 3. It-Taqsim tal-bejgħ bl-ispeċi tal-ħut u s-sena




L-ispejjeż tal-industrija għax-xiri ta' tonn ħaj u ħut ieħor għat-trobbija żdied b'€66.7 miljun jew 103.8 fil-mija sabiex laħaq il-€130.9 miljun. Fil-fatt, meta mqabbla mar-rata ta' 43.6 fil-mija rreġistrata fl-2021, din l-aħħar spiża kienet tammonta għal 54.9 fil-mija tal-konsum intermedju kollu milħuq mill-industrija fl-2022. Barra minn hekk, l-ispejjeż varjabbli tal-produzzjoni, l-ispejjeż tal-bejgħ u l-ispejjeż ġenerali tal-industrija żdiedu b'26.3 fil-mija, 15.8 fil-mija u 43.4 fil-mija rispettivament (Tabella nru 3, Ċart nru 4).

## Ċart nru 4. It-taqsim tal-konsum intermedju bit-tip u s-sena

